*-kjamat fil-kawża*

*-limiti ta' meta tista' tintalab*

*-sostituzzjoni tal-uniku konvenut*

**Digriet bil-miftuħ**

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta LLUM, 15 ta' Lulju 2021**

**Rikors Nru. 129/2021 GM**

**Linda Theresa Isabel Grima (KI 0341206L)**

**vs**

1. **Daren Micallef (KI 159776)**
2. **Merchant Shipping Directorate**

Il-Qorti:

F'din il-kawża, l-attriċi qiegħda tallega li jott proprjeta` tagħha ġie trasferit f'isem il-konvenut Daren Micallef permezz ta' firma tagħha ffalsifikata u għalhekk talbet lill-konvenuti Daren Micallef u l-Merchant Shipping Directorate (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'MSA'), jew min minnhom, sabiex jagħmlu l-atti kollha meħtieġa sabiex il-jott jerġa' jiġi rregistrat f'isimha, u li jagħmlu tajjeb għad-danni.

MSA, permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, laqa' għat-talbiet tal-attriċi billi sostna li r-rikors maħluf hu null għaliex intavolat kontrih u hu m'għandux personalita` ġuridika li *se mai* hi vestita fl-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

L-attriċi permezz ta' rikors tal-31 ta' Mejju 2021 talbet is-sejħa fil-kawża tal-istess Awtorita`. MSA oppona, għaliex it-talba fir-rikors kienet immirata biex iġġib fix-xejn l-ewwel eċċezzjoni tiegħu; barra minn hekk l-istitut tas-sejha fil-kawża ma jistax iservi la bħala tapp u lanqas bħala gomma biex bih wieħed isodd lakuna jew iħassar żball.

L-istitut tas-sejha fil-kawża hu mwaqqaf biex fil-kawża jiddaħħlu l-persuni kollha interessati fiha ħalli dawn ikunu f'qagħda li jiddefendu l-interessi tagħhom u sabiex jiġu evitati ġudizzji oħra mis-soġġetti li tagħhom tkun saret is-sejħa. Fi kliem ieħor, kemm biex issir ġustizzja kif ukoll għall-ispeditezza. Fil-ġurisprudenza antika aktarx ingħatat interpretazzjoni stretta ta' dan l-istitut, li ġie limitat għall-każijiet li fihom ma tkunx magħrufa l-identita` tal-imsejħin fil-kawża fil-bidu tal-kawża; u għall-każijiet meta ma jkunx hemm l-integrita` tal-ġudizzju. Dawn ir-restrizzjonijiet tneħħew maż-żmien, u minflok ġie stabbilit li s-sejha in kawża għandha tingħata dejjem f'dawk il-każijiet li fihom, jekk ma tingħatax, l-effett prattiku jkun sempliċiment li l-istess kawża terġa' ssir

fuq atti simili (jekk mhux identiċi) biż-żieda ta' persuni mħollija barra fl-ewwel kawża. Dan anke sabiex jiġu evitati sentenzi konfliġġenti[1].

L-uniku limitu għas-sejha fil-kawża li jidher li baqa' shih matul iż-żmien huwa meta l-konvenut oriġinali ma jkollu l-ebda interess fil-ġudizzju; għaliex skont il-loġika ġuridika, f'każ bħal dan, bl-ammissjoni ta' persuna jew persuni oħra verament interessati f'dak il-ġudizzju, "il-Qorti tkun qiegħda tirreintegra ġudizzju li oriġinarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta' jieqaf legalment. Mill-banda l-oħra, huwa tajjeb li jingħad li meta ċ-ċitat oriġinarju jkun interessat fil-kawża, il-ġudizzju diġa` jkollu r-*res standi*, u l-ammissjoni ta' nies oħra mhux ċitati fil-bidu, li jkollhom interess fil-kontestazzjoni, ma tkunx qiegħda twelled, biex nużaw terminu figurattiv, jew tirxoxta mejjet legalment"[2].

Fil-każ preżenti, mhux qiegħed jiġi kkontestat li wieħed miż-żewġ konvenuti huwa leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attriċi, u *se mai* huwa t-tieni konvenut biss li seta' ġie mħarrek ħażin. B'daqshekk il-kawża ma twildetx mejta; *se mai* twieldet b'pulmun wieħed minflok tnejn. Għalhekk hu żball li jista' – u għandu – jissewwa. Il-każ preżenti huwa differenti mill-każ meta **<u>l-uniku</u> konvenut** (jew konvenuti) imħarrek **ma jkunx leġittimu kontradittur**, bħall-każ meta ġew imħarrka eżekuturi testamentarji li kienu temmu l-inkariku tagħhom minflok ma tħarrku l-werrieta[3].

---

[1] Ara Robert Borg v Gatt, Galea & Co. 20.11.2009 Qorti tal-Appell (Inferjuri) per Onor. Imħ. Philip Sciberras; Atlas Insurance Agency Limited v Cassar & Cooper (S&I) Limited 22.11.2006 Qorti tal-Appell (Inferjuri) per Onor. Imħ. Philip Sciberras

[2] ara sentenza ferm erudita Onor. Emmanuele Tabone v Onor. Imħ. Alberto Magri 06.02.1962 XLVI.ii.561, per Onor. Imħ. A. V. Camilleri

[3] **Carmelo Bonavia v Dr. Giuseppe Ross** 08.07.1901 XVIII.ii.52 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Z. Roncali: "*Attesocche` gli attori non possono invocare la disposizione dell'articolo 978 delle Leggi d'Organizzazione e Procedura Civile per domandare la chiamata in causa dei detti eredi; perocche` quella disposizione di legge, argomentando dalla precedente dell'articolo 977, dev'essere interpretata nel senso, che si possa chiamare in causa chi, durante la trattazione, risulti di avervi interesse, e non gia`chi, prima della proposizione della causa, conoscevasi unico interessato nel giudizio ad esclusione di chi vi fosse citato*".

Għandu jingħad ukoll li b'żieda mad-dispożizzjonijiet tradizzjonali tal-imsejjah fil-kawża, illum hemm l-Art.175(1) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili li jagħti setgħat usa' lill-Qorti, billi jagħtiha s-setgħa li "f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom **jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku**, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru… sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża". Forsi abbażi ta' din id-disposizzjoni, saħansitra jista' jiġi sostitwit l-uniku konvenut. Dan iżda mhux mertu ta' dan id-digriet.

Mhix raġuni valida l-konsiderazzjoni li permezz tal-imsejjah fil-kawża, l-ewwel eċċezzjoni tista' tiġi sorvolata. Lanqas hu minnu li l-istitut tal-imsejjah fil-kawża mhux qiegħed hemm biex isodd it-toqob, jew isewwi l-iżbalji.

Għal dawn il-motivi, it-talba għas-sejha fil-kawża tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta qiegħda tiġi milqugħa.

Spejjeż ta' dan id-digriet riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqri waqt l-udjenza.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA